MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru. 175/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Nicolina Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nicolina Portelli ta' 40 sena, bint Carmelo u Maria nee Cuschieri, imwielda Pieta fis-26 ta' Marzu 1968 u residenti 56 Cardinal Street Birgu, ID 155968 (M)

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fit-7 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

(a) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) Kellha fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(c) F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba titratta ma’ l-imputata Nikolina Portelli talli kisret il-kundizzjonijiet ta’ sentenza datata 21 ta’ April 2006, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat li fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2011, l-ufficjal prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni kontra l-imputata fis-sens li kisret il-kundizzjonijiet ta’ sentenza datata 21 ta’ April 2006.

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’

l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fatt li ikkoperat mal-Pulizija u l-fedina pjuttost raffrettarja taghha. In vista ta' dina l-fedina penali, il-Qorti ma tistax taqbel mal-partijiet li jkun idoneu li l-imputat tinghata piena ta' Probation order.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8 (a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' tminn mitt Euro (€800.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2011, b'dan li jekk l-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet relatati maghha jigu distrutti taht is-supervizzjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------